MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2008

Numru 1271/2006

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)**

**ILLUM 24 TA’ JANNAR 2008**

Il-Pulizija
(Spetturi Joseph Mercieca u Geoffrey Azzopardi)

v

Paul Michael Kavanagh u Jeremy James Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati, karta ta' identita' numru 78301L u 558384M rispettivament, akkuzati talli:

1. nhar is-27 ta' Novembru, 2006, ghall-habta tas-1.30 ta' wara nofsinhar, fil-fergha tal-Maltapost, f'Telghet Guardamangia, Pieta', ikkommettew serq ta' somma flus kontanti, liema serq hu ikkwalifikat bil-vjolenza,, bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin, u li sar ghad-detriment tal-Maltapost plc u/jew persuni ohra;
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Salvu Damato u Kevin Cassar it tnejn impiegati tal-Maltapost plc kontra l-volonta' taghhom;
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, filwaqt li kienu qed jaghmlu delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq, kellhom fuqhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;
4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi garrew arma tan-nar minghajr licenza mill-Kummissarju tal-Pulizija;
5. Uzaw vjolenza sabiex igieghlu lil Salvu Damato u Kevin Cassar jaghmlu xi haga, jhallu jsir, jew jonqsu milli jaghmlu xi haga;
6. fil-21 ta' Novembru, 2006, ghal habta ta' l-4.45 ta' wara nofs innhar, minn Triq K,Galea Birkirkara, ikkommettew serq ta' karozza Chevrolet Matiz, numru ta' registrazzjoni ABK219, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin, u bix-xorta tal-haga misruqa u lid an sar ghad-detriment tas-socjeta' Altour Limited u/jew persuni ohra;
7. fil-Pieta' u/jew f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, fis-27 ta' Novembru, 2006, u/jew fil-jiem ta' qabel, saqu vettura Chevrolet Matiz, numru tar-registrazzjoni ABK219, minghajr ma kienu koperti b'polza ta' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni;
8. fil-31 ta' Ottubru, 2006, ghal habta ta' l-4.30 ta' wara nofsinhar, mill-hanut Visual Electronics fi Triq Hompesch Fgura, kkommettew serq ta' digital camera tar-ritratti tal-

marka “Benq” ghad-dannu ta’ Charles Peresso u/jew persuni ohra;
9. fid-29 ta’ Novembru, 2006, u/jew qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer, xjentement, laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement, b’kull mod li jkun, ndahhlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

Kontra Paul Michael Kavanagh wahdu talli:

10. irrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-Artikolu 49,50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li hu gie misjub hati ta’ diversi reati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;
11. huwa ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija fil-perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ prigunerija sospiza datata 9 ta’ Jannar 2003;

Kontra Jeremy James Farrugia wahdu talli:

12. irrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-Artikolu 49,50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li hu gie misjub hati ta’ diversi reati b’diversi sentenzi moghtija mill-qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;
13. huwa kkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija fil-perjodu operattiv ta’ zewg sentenzi ta’ prigunerija sospizi datati d-19 ta’ Jannar 2004 u t-28 ta’ Jannar 2005 rispettivament;
14. kiser ordni ta’ probation ai termini ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta permezz ta’ sentenza datata 19 ta’ Jannar, 2004, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali fir rinviju tieghu fejn bghat dawn l-atti lill-din il-Qorti sabiex tiggudika lill-imputati dwar il-htija jew nuqqas ta’ htija taghhom ai termini tal-istess artikoli u fin-nuqqas ta’ opposizzjoni tal-istess imputati;

Semghet lill-prosekuzjoni tiddikjara li ma kellhiex aktar provi;

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kawza tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet u ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi komuni fil-konfront tal-imputati ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali huma:
(a) taht il-Kapitolu 9:
- s-serq aggravat bil-vjolenza, il-mezz u l-valur u x-xorta tal-haga misruqa;
- l-arrest, detenzjoni jew sekwestru ta' persuna aggravat bl-estorsjoni;
- l-vjolenza kontra l-privat;
- s-serq semplici;
- r-ricettazzjoni;
- l-kummissjoni ta' reat matul il-perjodu operattiv;
- r-recidiva in gererali;
(b) taht il-Kap 480:
- il-pussess ta' arma tan-nar minghajr licenza mill-Kummissarju tal-Pulizija;
- in-nuqqas ta' avviz lill-kummissarju tal-Pulizija meta gie fil-pussess tal-arma;
- garr ta' arma tan-nar waqt kummissjoni tar-reat ta' serq;
(c) taht il-Kap 104:
- l-uzu ta' vettura minghajr kopertura ta' polza ta' assikurazzjoni;
- sewqan ta' vettura minghajr licenzja tas-sewqan;

L-imputat James Farrugia huwa wkoll akkuzat:
- b'recidiva fis-serq; u
- li kiser ordni ta' probation u ikkommetta r-reati li jinsab akkuzat bihom f'perjodu operattiv ta' sentenzi sospizi.

Illi minn ezami tal-provi kontra l-imputati il-Qorti tafferma anka f'dan l-istadju bikri tas-sentenza li l-evidenza kontra taghhom hija tenuwa wisq sabiex tinstab htija meta applikati l-principji probatorji mixhuta fuq il-prosekuzzjoni li ghandha tipprova l-htija 'l fuq minn kull dubbju raggjonevoli. Il-provi ghandhom jippruvaw l-akkuzi u b'kongetturi biss l-akkuzi ma jigux pruvati.

L-akkuzi li jhollu u jorbtu f'dan il-kaz huma dawk tas-serq li hu allegat gie kommess mill-imputati f'tlett okkazjonijiet. Dawn l-okkazjonijiet huma: dik tas-27 ta' Novembru 2006 fejn hu allegat li l-imputati wettqu serqa aggravata bil-vjolenza, mezz u valur mill-fergha tal-Maltapost f'Gwardamangia; dak tal-21 ta' Novembru 2006 fejn hu allegat li serqu vettura Chevrolet Matiz numru ta' registrazzjoni ABK219; dik tat-13 ta' Ottubru 2006 fejn hu allegat li serqu digital camera mill-hanut Visual Electronics fil-Fgura.

Dwar l-ewwel serqa: il-prova li l-prosekuzzjoni issahhah fuqa hija dik ta' l-ilbies tal-imputati li l-prosekuzzjoni tghid huma l-istess li l-imputati, meta dahlu fil-fergha tal-Maltapost, kienu liebsin xi hin qabel meta kienu gewwa c-centru tad-Detox. Il-prova li qeghdha tibbaza fuqha l-prosekuzzjoni huma l-fotogrammi li hemm esebiti fir-relazzjoni tal-PS 516, folio 242 et seq, u r-relazzjoni tal-espert tekniku Martin Bajada,folio 442 et seq, li fiha jirreferi ghas-similarita' tal-karatteristici tal-ilbies impoggija in riljev fil-fotogrammi. Din il-Qorti pero' ghalkemm tara li hemm karateristici simili hi tal-fehma li dawn ma humiex bizzejjed cari fihom infushom sabiex tistabilixxi anka fuq kriterju ta' probabbilta' li l-ilbies huwa identiku. Il-prosekuzzjoni tirreferi wkoll ghal marki ta' zarbun elevat mill-fergha tal-Pieta' ma' marki ta' zarbun elevat mill-fond f'Birkirkara, r-residenza ta' omm l-imputat Farrugia. L-espert tekniku fir-relazzjoni tieghu jghid li mill-analisi komparattivi bejn il-marki taz-zrabun, misjuba fil-fergha tal-Pieta' tal-Maltapost, maz-zarbun esebit bhala Dok.JM jirrisulta xebh bejn il-karatteristici f'dan ir-rapport, ossija relazzjoni ta' PC 453 (dok.176 et seq). Izda dan il-fatt

ukoll, dejjem skond din il-Qorti, mhiex prova konklussiva. Lanqas mhi effikacji bizzejjed l-prova tat-tajn li kien fuq iz-zarbun u l-fatt li kien hemm dak li jidher li hu tajn fuq it-tapit tan-naha tas-sewwieq tal-karozza. Tabilhaqq ukoll l-provi ma jwaslux biex jistebelixxu ta' minn kien iz-zarbun. Ghal din il-Qorti dawn il-fatturi anka mehuda kumuluttivament mhumiex sufficjenti li jitnisslu certezza ragjonevoli tali li jikkollegaw lil' hemm minn kull dubbju ragjonevoli l-imputati mar-reat tas-serq mill-fergha tal-Maltapost – hemm il-probabbilta' izda s'hemm. Fin-nuqqas tas-sejbien ta' htija f'dan is-serq jaqaw konsegwentement l-akkuzi marbuta mieghu cjoe' dawk tas-sekwestru, tal-estorsjoni u tal-pussess u garr ta' arma minghajr licenzja.

Illi fil-konfront taz-zewg serqiet l-ohra l-provi huma izjed tenuwi. Relattivament il-vettura il-provi iwasslu biss biex jippruvaw l-fatt biss li dina insterqet. Relattivament il-camera digitali s-sid ma jghidx li dina kienet fil-vettrina fil-hin li dahlu l-imputati. In-nuqqas taghha gie osservat xi hin wara meta dahal terz u staqsa biex jixtri camera digitali.

Ghalhekk u fuq l-iskorta ta' dak li gie hawn fuq espost din il-Qorti ma tistax issib rejita' fl-imputati fuq nuqqas ta' provi sufficjenti u kwindi ikollha tillibera lill-imputati mill-akkuzi kollha dedotti kontra taghhom.

A.M.Trigona
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------